***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis, 27 ta' Gunju 2019.**

**Rikors Numru: 685/2019/LSO**

**Mary Grech (ID 337554M)**

**vs**

**Bank of Valletta plc C 2833**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Mary Grech (K.I. 337554M) pprezentat fit-28 ta' Mejju 2019 fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet taghha;

Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izomm l-intimati milli jipprocedu bil-bejgh bis-subbasta numru 32/16 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Merger Enterprises Ltd" li hija appuntata ghat-30 ta' Mejju 2019 fil-11.30 am u dan ghar-raguni illi jekk il-bejgh isir, ir-rikorrenti ssoffri danni gravi minhabba illi hija ma tkunx tista' tesegwixxi d-drittijiet taghha taht is-sentenza moghtija eventwalment fl-Appell citazzjoni numru 1220/01AE fl-ismijiet "Mary Grech vs Anthony Grech et", liema smigh ser isehh fit-2 ta' Lulju 2019. Ghal kull bon fini l-indirizz tal-post maqbud bis-subbasta fuq citata huwa *garage* bla numru jismu "Elia" fi Triq il-Kanun, Qormi, darb' ohra indikat bhala Santa Venera.

Illi l-esponenti se jigi pregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel il-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tat-28 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-20 ta' Gunju 2019, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. (C-2833) datata 31 ta' Mejju 2019 a fol 6 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-Hamis, 20 ta' Gunju 2019 fejn meta issejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti semghet it-tratazzjoni tad-difensuri tal-partijiet: Dr Ingrid Zammit Young u Dr Dominic Cassar. Il-mandat gie differit ghal-digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed titlob il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-Bank intimat milli jipprocedi bil-bejgh bis-subbasta numru 32/16 fl-ismijiet "**Bank of Valletta p.l.c vs Merger Enterprises Limited".**

Il-Bank Bank of Valletta plc oppona billi sostna li t-talba odjerna hi anti guridika *stante* li l-ligi tipprovdi procedura specjali ghas-sospensjoni tas-subbasta. Inoltre`, gie eccepit li t-talba tar-rikorrenti hija irrita u nulla peress li l-**artikolu**

**874(1) tal-Kap 12** jistipula li l-Mandat ta' inibizzjoni ma jghoddx *"ghall-Kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta' proprejta` li jsir skont l-ordni tal-Qorti". Di piu`*, gie sostnut li l-proceduri msemmija fir-rikors odjern, fejn ir-rikorrenti hadet proceduri kontra zewgha huma *res inter alios acta* ghall-Bank intimat. Gie sostnut ukoll, fil-mertu, li l-Bank hu kreditur tas-socjeta' Merger Company Limited u tal-istess rikorrenti u ta' Nazzareno Grech skont sentenza moghtija "*Bank of Valletta plc vs Merger Enterprises Limited et",* deciza fil-15 ta' Novembru 2004. Illi gie wkoll sostnut fir-risposta tal-Bank, li hu anti-guridiku, li r-rikorrenti, li hi debitrici tal-Bank, tipprova tevadi l-obbligi taghha rigward il-bilanc minnha dovut fl-ammont ta' Ewro187,549.93 (Dok B esebit mar-risposta) billi tikkwota proceduri li ghandha kontra zewgha u t-tfal ta' zewgha, ghaliex f'dak l-appell li hi rreferiet ghalih fir-rikors odjern, ir-rikorrenti qed titlob danni minghand zewgha u t-tfal ta' huh u mkien m'hija titlob li l-proprjeta` ta' Merger ghandha tigi b'xi mod mittiefsa.

**<u>Rizultanzi fattwali:</u>**

Jirrizulta li r-rikorrenti, flimkien ma' zewgha Reno Grech u s-socjeta' Merger Enterprises Limited huma debituri tal-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' Ewro187,549.93, kif jirrizulta minn Dok B (fol 8). Illi r-rikorrenti qed tittenta twaqqaf lill-Bank milli jipprocedi bil-bejgh b'subbasta numru 32/16 fl-ismijiet *Bank of Valletta plc vs Merger Enterprises Limited,* in segwitu ghall-proceduri ohra pprezentati bejn Mary Grech u Reno Grech.

**Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont **l-artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid jintwera li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2]

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat bhal dak. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu

---

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech *proprio et nomine* vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

jitressaq quddiemha waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd.

Jigi dedott, li l-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. L-istharrig li jrid isir mill-Qorti f'talba bhal din huwa dak, jekk minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd 'Prima Facie'**

Illi r-rikorrenti qed tittenta twaqqaf lill-Bank rikorrent milli jipprocedi bil-bejgh b'subbasta numru 32/16 fl-ismijiet *Bank of Valletta plc vs Merger Enterprises Limited*. Ir-rikorrenti qed tikkontendi li l-mandat hu mehtieg sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha *stante* li zewgha Reno Grech, pendenti s-separazzjoni, kien ittrasferixxa l-assi taghhom fil-kumpannija imsemmija. Hi pprocediet kontrih b'kawza li gie deciz u li ghadu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Ghalhekk, hi qed issostni li m'ghandhiex titlef id-drittijiet taghha, konsegwenza inevitabbli jekk il-Bank jipprocedi bil-bejgh b'subbasta hawn fuq imsemmija.

Madankollu, jinsab ippruvat, li r-rikorrenti, zewgha u Merger Company Limited huma debituri lejn il-Bank of Velltta plc kif jirrizulta minn Dok B esebit mar-risposta tal-Bank.

Inoltre`, l-argument li qed jigi sottomess mir-rikorrenti, dwar l-allegat frodi tat-terz u cioe` ta' Reno Grech, certament, ma jikkostitwix il-jedd *prima facie* rikjest ghal dan il-Mandat, *stante*, li l-frodi ta' zewgha kommess fil-konfront taghha huwa *res inter alios acta* ghall-Bank. Ghalhekk, il-kwistjonijiet ezistenti bejn il-konjugi Grech, evidentement ma jimpingux fuq ir-relazzjonijiet bejn il-Bank u d-debitur, anke ghaliex gie ppruvat li r-rikorrenti hija wkoll debitrici tal-Bank intimat. Difatti, kif sottomess mill-avukat difensur tal-Bank fit-trattazzjoni, il-kwistjonijiet ta' bejn il-konjugi Grech diga gew radrizzati, u f'kull kaz dawn huma kwistjonijiet fil-mertu, li ma jaffetwawx lill-Bank.

B'referenza ghal dak mitlub fl-atti ta' dan il-mandat u fit-trattazzjoni, sabiex ir-rikorrenti twaqqaf lill-intimat milli jipprocedi bil-bejgh b'subbasta, din il-Qorti taqbel ma' dak sottolineat mill-avukat difensur tal-Bank fit-trattazzjoni, li t-talba odjerna mhix konformi mal-procedura li ghandha tigi utilizzata f'kazijiet bhal dawn. Illi kif tajjeb sollevat fir-risposta tal-Bank, il-legislatur jipprovdi ghall-talba ta' sospensjoni ta' subbasta *ai termini* tal-**artikolu 326 tal-Kap 12,** li hija ghalhekk *lex specialis* fil-materja, izda ir-rikorrenti minflok ghazlet li tipprocedi bil-Mandat odjern.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jigi ritenut li t-talba ghall-hrug ta' dan il-Mandat hija irritwali u m'ghandhiex tintlaqa'.

Minbarra hekk, fil-kaz odjern, din il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova fuq bazi *prima facie*, li ghandha dritt

x'tikkawtela kontra l-Bank li mhuwiex parti fil-kawza istitwita minnha kontra zewgha.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ghalhekk, tqis li ladarba dan l-element ma jissussistix, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tal-irrimedjabilita` peress li z-zewg elementi huma kumulattivi.

Madanakollu, ghall-kompletezza, ir-rikavat tal-bejgh in subbasta tal-proprjeta' imsemmija jigi depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti u kwindi l-kapital semmai jinbidel minn beni immobbli ghall-ammont identifikabbli. Lanqas dan it-tieni element jissussisti *dato ma non concesso* li l-ewwel element gie ppruvat.

Fid-dawl ta' dan kollu premess, din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi rikjesti bil-ligi ghall-hrug ta' dan il-Mandat ma jissusistux.

## III. <u>DECIDE.</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, u wara li l-Qorti rat l-atti kollha relattivi, tirrevoka *contario imperio* d-digriet taghha tat-28 ta' Mejju 2019 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament, u, billi jirrizultalha li ma jezistux l-elementi necessarji ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Bank intimat, tichad it-talba kif dedotta ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-Bank.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2019**